MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 17/2001/1

Kummissarju ta’ l-Art

vs

Joseph Gaffarena u Leni Enterprises Ltd ghall-Utile Dominju

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta’ l-Artipprezentat fit-8 ta’ Mejju, 2001 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 28 ta’ Frar, 2001, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’Hal Qormi, tal-kejl ta’ madwar 808 metri kwadri u tmiss min Nofs-in-nhar ma’ proprjeta’ ta’ Michael Mifsud u mill-Grigal u mill-Majjistral ma’ triq pubblika huwa ta’ erbgha u ghoxrin elf sitta mija u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm24,690.42) kif

jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V Sutton A&C.E. tal-25 ta' April, 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' mitejn elf lira Maltija (Lm200,000).

Illi l-intimat ghad-dirett dominju u cioe' Michele Mifsud ma rrisponda bl-ebda ittra ufficjali u ghalhekk baqa' kontumaci;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Illi s-socjeta' Leni Enterprises Limited ta' "Settembrina" , Triq Jean Houel, Naxxar u Joseph Gaffarena ta' "Camjoe", Alexander Street, Qormi, t-tnejn fil-kwalita' taghhom ta' proprjetarji tal-utile dominju tal-porzjon art f'Hal Qormi tal-kejl ta' circa  tmien mija u tmien metri kwadri (808m.k.), tmiss minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' Michael Mifsud, mill-grigal u mill-majjistral ma' triq pubblika, filwaqt li jaghmlu referenza  ghall-Avviz ghall-Ftehim tieghek datat 28 ta' Frar, 2001 li permezz tieghu int gharraft  lill-mittenti u lis-sid tad-dirett dominju li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti lesta li thallas ghax-xiri assolut bhala libera u franka  ghall-imsemmija porzjon art huwa s-somma ta' erba' u ghoxrin elf sitt mija u disghin liri u tnejn u erbghin centezmu (Lm24,690.42), jinfurmawk ghall-finijiet  u effetti kollha  tal-ligi li huma ma jaccettawx

l-imsemmi kumpens offert izda jippretendu, inkwantu ghall-imsemmi utile dominju biss, l-kumpens ta’ mitejn elf lira Maltin (Lm200,000).

Tant biex taghraf tirregola ruhek.

Bl-ispejjez.

Ra li Michele Mifsud ghad-dirett dominju baqa’ komtumaci.

Ra d-digriet tieghu tat-13 ta’ Gunju, 2003 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-periti kklassifikaw l-art bhala fabbrikabbli u l-kumpens dovut ghal utile dominju hu ta’ Lm171,933.

Jordna lill-intimati jittrasferixxu b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka minn naha ta’ l-intimati tal-bicca art f’Hal Qormi, tal-kejl ta’ madwar 808 metri kwadri u tmiss minn Nofs-in-nhar ma’ proprjeta’ ta’ Michael Mifsud u mill-Grigal u mill-Majjistral ma’ triq pubblika bil-kumpens ta’ Lm171,933 ghall-utile dominju appartenenti lil Joseph Gaffarena u Leni Enterprises Ltd u bil-kumpens ta’ Lm9.58 ghad-dominju dirett appartenenti lil Michele Mifsud li baqa’ kontumaci u li ghandu l-ispejjez tar-rikorrent u ta’ l-imsemmija Joseph Gaffarena u Leni Enterprises Ltd ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord skond l-Artikolu 31 tal-Kap 88. L-ispejjez ta’ Mifsud jithallsu mir-rikorrent.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha minnfloku biex jippubblika l-att opportun fis-6 ta' April, 2005 fid-9:00a.m. u jahtar lid-Dottoressa Daniella Mangion biex tidher fuq l-att biex tirrapprezenta lill-kontumaci.

Il-Bord ma jistax jaccetta l-ammont stmat mill-periti ghad-dominju dirett minhabba kontumacja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------